TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 93/11

**Maria Parnis**

**vs**

**Pull and Bear Malta**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' erba' mija, u ħamsin ewro (€450), rappreżentanti prezz ta' *boots* li wara li libsitu tliet darbiet, dan tqatta'.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kienet xtrat *boots* għat-tifla tagħha għall-prezz ta' disgħa u erbgħin ewro, u disgħa u disgħin ċenteżmi (€49.99), illi wara li libsitu xi tliet darbiet, dan il-*boots* tqatta'. Illi ħaditu għat-tiswija, pero' t-tiswija lanqas kienet għas-sodisfazzjon tagħha u għalhekk qed titlob il-flus lura.

L-intimat da parte tiegħu ma ssottomettiex risposta bil-miktub pero' attenda għas-seduta u qal illi l-*boots* kien tajjeb u tqatta' abbużivament mit-tifla tar-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota l-ammont fit-talba ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450), li qed jassumi li huwa żball għax il-*boots* jiswa disgħa u erbgħin ewro, u disgħa u disgħin ċenteżmi (€49.99), pero' t-Tribunal qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erbgħin ewro (€40), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888